**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 129 / 2020**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Spiridione Zammit)**

**(Spettur Hubert Cini)**

**Vs**

**Mario Farrugia**

Illum, 3 ta Novembru 2020

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti Mario Farrugia ta' 49 sena, iben Carmel u Josephine nee' Mifsud, imwieled tas-Sliema nhar it-3 ta' Lulju 1970, residenti gewwa 363, Fl 2, Triq il-Kbira San Guzepp, Santa Venera, u detentur tal-karta tal-identità bin-numru 291170 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) talli:

*"talli nhar il-21 ta' Ottubru 2019 ghall-habta tas-sebha u ghoxrin ta' filghodu (07:20hrs) gewwa The Convenience Store, li jinsab fi Triq il-Hammieri, Hal Qormi u f' dawn il-Gzejjer:*

1. *Ikkommetta serq ta' bott tal-karita' bi flus kontanti ghad-dannu ta' Puttinu Cares, liema serq ma jeccedix is-somma ta' mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (232.94) dan bi ksur tal-Artikolu 284 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*U nakkuzah ukoll talli nhar l-24 ta' Ottubru 2019 ghall-habta tas-sebgha u ghaxra ta' filghodu (07:10hrs) minn gewwa l-hanut Mgarr Daily Fresh, li jinsab fi Triq il-Helsien, Hal Qormi u f' dawn il-Gzejjer;*

2. *Ikkommetta serq ta' bott tal-karita' bi flus kontanti ghad-dannu tal-Fondazzjoni Inspire, liema serq ma jeccedix is-somma ta' mitejn u tnejn u tletin ewro u disghin centezmu (232.94) dan bi ksur tal-Artikolu 284 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.*
3. *U aktar talli kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta provizorja impost mill_Qorti Kriminali preseduta mill-Imhallef Dott Consuelo Scerri Herrera LL.D nhar l-4 ta' Gunju 2019 f' dan li ma jikkommettix delitt iehor ta' natura volontarja waqt li jkun mehlus mill-arrest fost kundizzjonijiet ohra kif ordnat li jaghmel mill-istess qorti u dan bi ksur ta' l-artikolu 579(2) tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Il-Qorti hija mitluba li f' kaz ta' htija tirrevoka l-helsien mill-arrest ta' l-imsemmi Mario Farrugia u tordna l-arrest mill-gdid ta' l-imsemmi imputat kif ukoll tordna li s-somma ta' 30,800 euro bhala garanzija personali jghaddu favur il-Gvern ta' Malta kif stipulate fl-Artikolu 579(2)(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.*

4. *U aktar talli kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta provizorja imposta mill-qorti tal-Magistrati preseduta mill-Magistrat Dott Gabriella Vella LL.D nhar il-5 ta' Frar 2019 f' dan li ma jikkommettiex delitt iehor ta' natura volontarja waqt li jkun mehlus mill-arrest fost il-kundizzjoijiet ohra kif ordnat li jaghmel mill-istess Qorti u dan bi ksur ta' l-artikolu 579(2) tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Il-Qorti hija mitluba li f' kaz ta' htija tirrevoka l-helsien mill-arrest ta' l-imsemmi Mario Farrugia u tordna l-arrest mill-gdid ta' l-imsemmi imputat kif ukoll tordna li s-somma ta' 8,000 bhala garanzija personali jghaddu favur il-Gvern ta' Malta kif stipulat fl-Artikolu 579(2)(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.*

5. *Barra minn dan, l-imputat Mario Farrugia huwa akkuzat talli rrenda ruhu recidiv b' diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati Malta liema setenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula ai termini ta' Artikoli 49,50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.*

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-22 ta' Lulju, 2020, fejn il-Qorti illiberat lill-imputat Mario Farrugia mit-tieni u t-tielet imputazzjoni, filwaqt li wara li rat l-artikoli 17, 284, 285, 579 (2) u (3), 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat Mario Farrugia hati tal-ewwel imputazzjoni, u ikkundannatu ghal xahar prigunerija, kif ukoll sabet lill-imputat hati tar-raba' u l-hames imputazzjoni, u irrevokat l-effetti tad-digriet tal-helsien mill-arrest moghti fil-5 ta' Frar 2019, ordnat l-

konfiska tas-somma ta' €8000 mogħtija bħala garanzija mill-ħelsien mill-arrest, kif ukoll ikkundannat lil Mario Farrugia ghal sena u sitt xhur prigunerija.

Rat ir-rikors tal-appellanti Mario Farrugia minnhu pprezentat fis-7 t' Awwissu, 2020, fejn talab lil din il-Qorti sabiex tikkonferma is-sentenza appellata in kwantu jikkoncerna illi l-appellant gie lliberat mit-tieni (2) u t-tielet (3) imputazzjoni, u tvarjaha u tibdilha in kwantu jikkoncerna l-ewwel (1) u r-raba' (4) u l-hames (5) imputazzjoni, billi tilliberah minnhom u fl-eventwalita' biss illi l-ewwel aggravju jigi michud, tghaddi sabiex tinfliggi piena aktar ekwa u gusta, li tirrispekkja l-fatti tal-kaz odjern.

Rat illi l-appellant hass ruhu aggravat minn din is-sentenza u wara li talab is-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tas-sentenza qieghed jinterporni dan l-umli appell u dan ghar-ragunijiet illi ser jigu spjegati hawn taht:

**<u>1. Ewwel imputazzjoni ma setghet qatt tigi ppruvata</u>**

Illi l-ewwel akkuza hekk kif dedotta taqra, ezattament hekk u cioe' illi:

> "talli nhar il-21 t' Ottubru, 2019, ghall-habta tas-sebgha u ghoxrin ta' filghodu (07:20hrs) gewwa The Convenience Store, li jinsab fi Triq il-Hammieri, Hal Qormi u f' dawn il Gzejjer:
>
> 1. Ikkommetta serq ta' bott tal-karita' bi flus kontanti ghad-dannu ta' Puttinu Cares liema serq ma jeccedix is-somma ta' mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (239.94) dan bi ksur tal-Artikolu 284 tal-Kapitlu 9 tal Ligijiet ta' Malta:

Illi ictu oculi malli wiehed jaqra l-akkuza hekk kif addebitata lill-appellant, jirrizulta b' mod car illi f' dan il-kaz, il-Prosekuzzjoni mhux biss kellha tipprova illi l-oggett misruq kien fil-fatt bott tal-karita izda fuq kollox li dan kien fih flus kontanti.

Illi l-gurisprudenza u l-principji penali jghallmuna illi l-appellant m' huwiex tenut li jressaq l-ebda prova sabiex jipprova l-innocernza tieghu izda hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-kaz taghha sal-grad li trid il-ligi, w cioe beyond reasonable doubt. Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-appellanti huma veri w dan ghaliex kif jghid il-Manzini fil-Ktieb tieghu Diritto Penale Vol. III Kap IV pagna 234, Edizione 1890:

"Il cosi detto onere della prova, cioe' il carico di fornire, spetta a chi accusa - onus probandi incumbit qui osservit."

Illi gialadarba, il-prova illi il-bott in kwistjoni kien fil-fatt fih flus kontanti, ma ngabitx ghalhekk wiehed ma jistghax jasal ghall-konkluzjoni illi l-gudizzju tal-ewwel Onorabbli Qorti, kien wiehed safe und satisfactory. Illi dato ma non concesso, illi l-appellant seraq dan il-bott, fl-ebda stadju ma ngiebet il-prova kemm kien fih flus dan il-bott jew fuq kollox jekk kienx hemm flus fih!

**2. <u>Piena Inflitta Sproporzionata u eccessiva</u>**

Illi dan l-aggravju qieghed jigi ssolevat, minghajr pregudizzju ghall-aggravju precedenti.

Illi kif diga gie ritenut diversi drabi, huwa principju ben assodat fil-gurisprudenza penali nostrana, illi mhux in-norma illi l-Qorti tal-Appell Kriminali, tiddisturba id-diskrezzjoni tal-Ewwel Onorabbli Qorti.

Kif inghad fl-appell kriminali deciz fis-26 ta' Marzu, 2009 minn din l-Onorabbli Qorti fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spt. T. Micallef) vs John Gauci**, "*mhux normali li din il Qorti tal-Appell li tvarja d-diskrezjoni tal-Ewwel Qorti jekk il-piena erogata tkun tirrientra fil-parametri tal-ligi w ma tkunx manifestament eccessiva. Dan ghax, kif gie ritenut fl-Appell Kriminali (Sugerjuri): "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Carmen Butler**" [26/2/2009]:- "Il-Qorti tal-Appell Kriminali bhal regola, ma tidisturbax il-piena erogata mill-Ewwel Qorti, sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament spoporzjonata jew sakemm ma jirrizultax li l-Ewwel Qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-kaz.* (u anki possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza tal-Ewwel Qorti) li jkun jincidi b' mod partikolari fuq il-piena). *(Ara wkoll "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Bernard sive Benny Attard**" [20.3.2009] App. Krim Superjuri)"*

IIli in kwantu jikkoncerna tali piena, tenuta kont il-fatturi kollha tal-kaz, piena effettiva karcerarja ta' sena u seba xhur, in kwantu jikkoncerna is-sejbien tal-htija tar-recediva taht l-artikolu 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali, zgur illi ma kienetx proporzjonata. Illi dan qieghed jinghad, in vista illi tali piena zgur ma jistghax jinghad illi holqot bilanc bejn tali hsara illi allegatament ikkawza b' ghemilu l-appellant u l-gustizzja illi mhux biss trid issehh izda trid tidher illi qed issehh. Illi

hekk kif gie ritenut mill-Qorti tal- Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fil-kawza Il-Pulizija vs. Gide Idris Mahder.

Illi wiehed mill-iskopijiet tal-piena huwa li jigi rripristinat it-tessut socjuli li jkun gie imcarrat bl-eghmil kriminali ta' dak li jkun. Skop iehor hu li tigi protetta s-socjeta'. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b' eghmilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta' dawn jinzammu nkarcertati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reat gravi, s-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent general. Il-Qrati ta' Gustizzja Kriminali dejjem iridu jipprovaw isibu bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena.

Di piu' ghandu jigi rilevat, illi l-appellant hass illi l-konfiska tas-somma ta' tmint elef ewro (EUR 8,000) moghtija bhala garanzija mill-helsien mill-arrest, kienet decizjoni li tmur kontra l-ispirtu tal-proporzjonalità. Illi dato ma non concesso, illi l-ewwel imputazzjoni tirrizulta, zgur illi bl-ammonti in kwistjoni, l-appellant m' ghandux jehel tali piena ukoll. Illi dan ser iwassal sabiex l-appellant mhux biss ikun inkarcerat, izda ser ikollu jiskonta aktar zmien il-habs stante illi ser ikun tilef xoghlu fil-mori illi ser ikun qed jiskonta sentenza. Illi tali konfiska hija wahda diskrezzjonali u ghalhekk, l-ewwel Onorabbli Qorti, setghat facilment frankat din il-parti tas-sentenza, u dan biss minhabba l-fatt, illi l-allegat ammont, kien wiehed fil-minimu.

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-kaz u dan fis-seduta tat-13 ta' Ottubru, 2020.

Ikkunsidrat.

Issa hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il- Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal

ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f'dan is-sens "inter alia" l-Appell Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et**. [1]"; "**Ir-Republika ta' Malta vs. George Azzopardi** [2]"; "**Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace**[3] "; **"Il-Pulizija vs. Anthony Zammit**[4] " u ohrajn .)

Issa kif gie ritenut ripetutament minn din il-Qorti diversament preseduta w anki kif illum preseduta, "principju fundamentali applikabbli fl-appelli kriminali huwa li l-Qorti ta' l-ppell ma tiddisturbax facilment l-apprezzament tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx, legalment u ragonevolment , tasal ghall-konkluzzjoni li tkun waslet ghaliha." (App. Krim. "**Il-Pulizija vs. Joseph Zahra**[5] " u ohrajn.) Il-Qorti tvarja tali apprezzament jekk tqis li fuq il-provi prodotti quddiem l-Ewwel Qorti u minnha traskritti ma jkunx "safe and satisfactory" li tinstab il-htija addebitata lill-appellanti .

Din il-Qorti ghalhekk ghamlet esami profound tax-xhieda imresqa mill-prosekuzzjoni in sostern tal-akkuzi taghha.

**PS 362 Wayne Borg** xehed nhar l-10 ta' Dicembru 2019 u stqarr li fid-29 ta' Ottubru, 2019 kien gie infurmat li nhar il-21 ta' Ottubru 2019 saret serqa mill-hanut 'The Convenience store' fi Triq il Hammieri, Qormi. Jghid li kienet marret Rodianne Micallef li infurmatu li kien insteraq bott li kien fih flus tal-karita li kienu jaghtu min ihalli xi bqija ghal Puttinu Cares Foundation. Hija kienet indunat li fit-28 ta' Ottubru dan instersaq imbaghad mis-sistema tas-sorveljanza kien irrizulta li dan il-bott insteraq nhar il-21 ta' Ottubru, 2019 u l-hin kien fis-7.24p.m. Huma hadu kopja tal-

[1] Deciz mill-Qorti tal Appelli Kriminali nhar it-12 ta Mejju 1994
[2] Deciz mill-Qorti tal Appelli Kriminali nhar l-14 ta Frar, 1989
[3] Deciz mill-Qorti tal Appelli Kriminali nhar il-31 ta Mejju 1991
[4] Deciz mill-Qorti tal Appelli Kriminali nhar il-31 ta Mejju 1991
[5] Deciz mill-Qorti tal Appelli Kriminali nhar l-10 ta Mejju 2002

filmat fejn indunaw li kien l-appellant li kkommetta din is-serqa. Jghid li l-filmat ma rahx hu izda il kollegi tieghu li gharfu lill-appellant . Huwa jghid li ma rax il-filmat izda kien rah PC 903. Huwa pprezenta l- okkorenza li giet markata bhala dok WB1[6] .

**Rodianne Micallef** xehdet nhar l-20 ta' Dicembru, 2019 u kkonfermat li tahdem gewwa l- 'Convenience Store' bhala manager ta' Hal Qormi. Ikkonferma li kienet ghamlet rapport mal-pulizija dwar incident li kien sehh fil-hanut taghhom. Tghid li hija ghandha l-cameras fil-hanut taghha. Ikkonfermat li nhar il-21 ta' Ottubru, 2019 ghall-habta tas-7.24 p.m mar jixtri l-appellant u tefa l-gakketta tieghu fuq il-bott ta' Puttinu Cares u hadu mieghu. Bil-fixkla halla l-oggett li kien xtara warajh.

Tikkonferma li kienet indunat b'din is-serqa xi gimgha wara li kienet sehhet u dan meta kien hemm xi nies isaqsuha jekk kellhiex xi bott. Dan ghaliex meta ikun kwazi mimli huma jirritornawh lura u ituha iehor. Kien ghalhekk li ghamlet il-verifiki taghha u harset lejn il-filmati biex tikkonferma kif spicca nieqes dan il-bott. Qalet li hi biss ghandha access ghal filmati ghaliex tarhom bil- PIN number taghha. Qalet li wara li rat il-filmati ghaddietu lill-pulizija u ghamlet ir- rapport hemmhekk. Qalet li poggiet il- filmat fuq USB u ghaddietu lill-pulizija.

**Godwin Azzopardi** xehed nhar it-8 ta' Jannar 2020 u jghid li ghandu hanut tal- haxix f Hal Qormi fi Triq il- Helsien u stqarr li kien hemm ragel u mara li dahlu fil-hanut tieghu, il-mara qadet tkelmu waqt li r ragel hataf il-bott u telaq jigri. Mistoqsi x' bot kien jghid li kien wiehed tal-Missjoni. Qal li hu ma indunax mill-ewwel b'dak li kien gara pero wara wasal ibnu fil-hanut u qallu li kien dahal ragel fil-hanut u ma kienx cert jekk hax xi haga u ghalhekk qallu biex idawru l-cameras . Kif dawru l-cameras ra lil dan ir-ragel jaqbad il-bott, tefghu go xkora u harab jigri 'l isfel. Jghid li dan ir-ragel hareg bil-mixi 'l isfel u t- tfajla jew mara li kien hemm mieghu bil-van nizlet 'l isfel u gabritu minn hemmhekk. Il-van kien wiehed ahdar tal-ghamla Isuzu xi haga dak it-tip. Mistoqsi jekk hax in numru tal-vann iwegeb fin-negattiv. Qal li l-persuna kienet qsajjar, boccu libes beritta u ghalhekk ma setghx jara wiccu . Mistoqsi jekk jgharafx xi hadd fl-awla jghid li ma hux cert.

[6] Fol. 39

**Spettur Alfredo Mangion** xehed nhar il-21 ta Jannar 2020 u jghid li fil-21 ta' Ottubru 2019 kif ukoll fl-24 ta Ottubru 2019 kienu insterqu zewg bottijiet tal- karita proprjeta ta Puttinu cares u Inspire. Qal li is sserqa ta' nhar il-21 ta' Ottubru 2019 saret minn gewwa il-Convenience store ta' Triq Hammieri Qormi u dik tal-24 ta' Ottubru 2019 saret minn gewwa l hanut Mgarr Daily Fresh li jinsab fi Triq il Helsien, Qormi. Huwa gie mghoddi CCTv taz-zewg filmati u gew analizati. Huwa gharaf lill-appellant bhala l-istess persuna li dahlet fiz zewg hwienet li seraq il-bottijiet. Huwa ghalhekk baghat ghall-appellant u dan irrilaxja stqarrija pero ghazel li ma iwegibx ghall hafna mid-domandi li sarulu. Huwa pprezenta zewg CDs li gew markati bhala dok SG1 u SG2 li kopji taghhom gew mghoddija lill-avukat difensur tal appellant. Esebixxa ukoll erba' stills li gew markati bhala dok SG3 sa Sg 6 rispettivament liema still gew imharga mill-filmati eebiti fl-atti. Nhar it-3 ta' Marzu 2020 ipprezenta kopja tal bail conditions li gew markati bhala dok JX 2. Nhar l-1 ta Gunju 2020 ix-xhud pprezenta erba' sentenzi li li inghataw fil-konfront tal-appellant li gew markati bhala dok MA 1sa MA 4.

**Spettur Wayne Camilleri** xehed nhar it-3 ta' Marzu, 2020 u gie muri id-dok JX1 u gharaf li dawk kienu l-bail conditions li kellu l-appellant. Huwa gharaf lill-appellant bhala l persuna li inghatat dawn il kundizjonijiet mill- Magistrat Dr Gabby Vella fil-5 ta' Frar 2019. Ikkonferma ukoll li l-kaz kien ghadu *sub judice.*

**Martina Fenech** xehdet nhar is-17 ta' Frar 2020 u spejgat li l procedura biex jigbru l fondi b'risq il-Fondazzjoni hemm diversi metodi kif tigbor id-donazzjonijiet taghha inkluz li ikollhom bottijiet tad-donations bhala speci ta' karus fil-hwienet. . F' Ottubru 2019 gew infirmati li kien hemm bott f' hanut li gie nieqes. Dan kien fil-Convenience store ta Hal Qormi nhar il-21 ta Ottubru, 2019.

**Analise Magro** xehdet u kkonfermat li hija tahdem ma Inspire Foundation bhala *fund raising executive*. Qalet li apparti l-events ta' fund raising huma jghamlu kampnji bil-bottijiet f' kul lokalita ta' Ghawdex u Malta . Tghid li tiftakar li kien gie rapportat li dan il-bott kien naqas mill- hanut Mgarr Daily Fresh ta' Hal Qormi.

Illi a bazi ta' dawn il-provi l-ewwel Qorti sabet lil-appellant hati ta' l-ewwel, ir- raba' u l-hames akkuza u gie ikkundannat piena ta' xahar prigunerija.

L-appellant hass ruhu aggravat minn din is-sentenza u interpona umli appell u stqarr fl aggravji tieghu li l-Qorti ma setghet qatt issib lill-appellant hati tal- akkuza ta' serq mill-Convenience store ghaliex hadd ma xehed u kkonferma li fil-bott effettivament kien hemm il-flus u fit-tieni lok stqarr li l-piena inflitta hija piena eccssiva.

Illi ghalhekk l-appellant qed jappella mid-diskrezzjoni uzata mill-ewwel Qorti fir rigward tal- apprezzament tal-provi li ghamlet. Kif imfisser fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Teper v The Queen</u>**[7] "*It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there are no other co-existing circumstances which would weaken or destroy the inference.*"

Illi f dan il-kaz il-prosekuzzjoni ghalkemm l-appellant ma jammettix l-partecipazzjoni teighu ghal dan ir-reat jirrizult aminn esami tac CD li kien hu li dahal fil-hanut The COnveniene store Triq il Hammieri Qormi nhar il-21 ta Ottubru 2020. Jirrizulta kif konfermat minn Rodainne MIcallef li hija kellha bott fuq il-bank fejn kienet tiehu hsieb li tigbor il-fous ghal Puttinu u li dan ma instabx. Jirrizulta li fil-fatt din Rodianne ezaminat il filmati u kkonfermat li kien hemm l-appellant li dahal fil-hanut pogga il gaketta tieghu fuq il-bott u hareg bih. Dan l-att jikkostitwixxi ir reat ta' serq u dan ghaliex l-appellant qabad u agixxa fit-termini ta' dak li jghid Carrara fil ktieb tieghu Programma u cioe li ha xi haga li tappartjeni lil terzi daqs li kieku kienet tieghu bl-intiza li ighamel profit minnha. Carrara[8] fil-fatt jiddefinixxi ir-reat ta serq bhala " *il furto e' la contrettazione dolosa della cosa alturi, fatta invito domino con animo di farne lucro.* "

Din il-Qorti ma taqbilx ma dak sottomess mid-difiza fir-rikors tal-appell tieghu li l prosekuzzjoni ma irnexxilhiex tipprova ir-reat ta' serq ghaliex ma resqitx xhud biex jikkonferma li fil-bott kien hemm il-flus u kemm fil-fatt kien hemm. Huwa minnu li

[7] [1952] AC 480, 489
[8] Programma Parte Speciale Vol IV pg. 21

prova dwar il-quantum ma hemmx u kien ghalhekk li l-ewwel Qorti sabitu hati tar-reat ta' serq semplici stante li l-valur ma giex provat. Pero f' dan il-kaz jirrizulta li hemm is-serq anke tal-bott innifsu. Mhemmx dubbju ghalhekk li d-diskrezzjoni uzata mill-ewwel Qorti fir rigwad ta' dan ir- reat kien ta' serq semplici wiehed *safe and satisfactory*. Ghalhekk l-ewwel akkuza ta' serq semplici jirrizult aprovata b' mod sodisfacenti.

Dwar ir-raba akkuza jinghad li l-appellant kkometta dan ir rat ta serq semplici nhar il-21 ta Ottubru 2019 meta kiene qiegehd igawdi mill-helsien mill-arrest skond digriet tal-Qorti tal Magistrati bhala Qorti IStruttorja nhar il-5 ta Frar 2019. Jidher li l-appellant inghata dawn il-kundizzjonijiet fejn l ufficcjal prosekutur kien l ispettur Wayne Camilleri li xehed f dawn il-procedrui u gharaf lill-appellant bhala l-istess pesuna li kien qed igawdi mill helsien mill-arrest f kawza li kienet ghadha sub judice. Minn esami ta dawn il kunidzzjonijeit jirrizulta li ir-raba kundizzjoni kienet fis-esns li l-appellant 'm' ghandux jikkommetti delitt iehor ta' natura volontarja waqt li jkun mehlus mill-arrest.' GHalhekk stante li qed jinstab hati talli kkometta serq nhar il-21 ta' Ottubru, 2019 qed jinstab hati ukoll ta din ir-raba akkuza.

Dwar il-hames akkuza ucioe li l-appellant huwa recidiv jirrizulta li l-appellant kien instab hati ta' diversi reati kif jirrizulta mis sentenzi esebiti fl-atti markati bhala dok MA 1 sa MA 4 u minn esami ta l-istess jirrizulta biss biss li l-appellant nhar it-8 ta' Mejju, 2014 instab hati ta' serq aggravat u gie kkundannat tlettin xahar habs , waqt li fil-25 ta' Frar, 2019 instab hati tar- reat li jikkonvcernaw l- Ordinanza tat-Traffiku u gie kkundannat ihallas multa ta tlett mitt euro ( €300) ghalhekk in vista ta' dawn is-sentenzi li jinsabu esebiti fl-atti fejn jidher li hemm il-partikolaritjaiet kollha tal-appellant odjern l-appellant ghandu jigi meqjus li huwa ukoll recidiv.

Dwar il-piena l-appellant jistqarr li din hija piena eccessiva fic cirkostanzi meta si tratta biss ta reat ta serq semplici. Jignhd fl-ewel lok li l-appellant qed jinstab hati mhux x sempoliciment tar reat ta serq semplici, izda talli kkommetta reat ta' natura volotnarja waqt li kien qed igawdi mill-helsien mill-arrest u ghalhekk gie li sfudicja l-amminstirazzjoni tal-gustizja kif ukoll talli huwa recidiv.

Illi huwa minnhu li fil-ġurisprudenza nostrana speċjalement dik reċenti, ġie stabbilit li huwa indesiderabbli li l-Qorti Superjuri tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti, madanakollu tali diskrezzjoni trid tkun fundata fuq dispożizzjonijiet tal-liġi speċifiċi li jipprovdu l-bażi legali għad-diskrezzjoni applikata mill-Ewwel Qorti. Infatti Fis-sentenza tal**-każ Il-Pulizija vs. Spiru Muscat** l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell presjeduta mill-Onorevoli Imħallef Dr. David Scicluna fil-15 ta' Frar 2012 (255/2011) sostniet:

*"Issa fit-termini tal-Ġurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati tagħna, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuż appell minn piena sakemm din tkun tirrientra fil-limiti li tiprefiġġi l-liġi. Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qiegħed jassumi ir-responsabbilita' tad-deċiżjoni li jkun ħa u jirrimetti ruħu għall kull deċiżjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal għaliha......M'huwiex normali pero li tiġi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk l-piena nflitta tkun tidħol fil-parametri tal-Liġi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun ingħatat"*

Din il-forma mentis tal-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali hija ukoll riflessa f'sentenzi oħra ta' l-istess Qorti fosthom **Il-Pulizija vs. Massimiliano Maurizio**[9] , **Il-Pulizija vs. Jeremy James Farrugia**[10] u **Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina**[11]. Din il-ġurisprudenza ormai ben kristallizzata u aċċettata in linea ta' prinċipju fil-ġurisprudenza tagħna, tgħallimna illi l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell għandha tbiddel u tvarja l-piena inflitta minn l-Ewwel Onorabbli Qorti, fil-każijiet fejn dik il-piena ma tkunx pjenament imsejsa fuq dispożizzjonijiet tal-liġi. Dan il-prinċipju kien ġie ukoll kristallizzat fis-sentenza fil-każ **il-Pulizija vs. Joseph Attard** mogħtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali presjeduta mill-Imħallef Patrick Vella fis-26 ta' Jannar 2001, fejn il-Qorti qalet li:

*"Il-Qorti tal-Appell rarament tbiddel il-piena li tkun imponiet l-ewwel Qorti. Dan taghmlu biss meta jkun manifestament evidenti li dik il-Qorti tkun imponiet xi piena mhux*

---

[9] Qorti ta' l-Appell Kriminali (Inferjuri) preseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono fit-13 ta' Novembru 2003.
[10] Qorti ta' l-Appell Kriminali, presjeduta mill- Imhallef Joseph Galea Debono fl-14 ta' Ottubru 2003 (155/2003
[11] Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) mogħtija fl-24 t'April 2003 (numru 10/1994).

*kontemplata mill-ligi ghar-reat in ezami, jew tkun xi piena harxa wisq jew sproporzjonata ghal dak li jkun ghamel il-hati, jew tkun xi piena mhux fil-parametri tal-ligi."*

Issa f'dan il-kaz jidher li l-piena imposta kienet lejn il-minimu taghha konsiderando li l-appellant instab hati ukoll talli huwa recidiv. Jidher ukoll li l-appellant gja ghandu fedina penali reflettarja fejn hemm divesi reati registrati fuqha u ghalhekk ma hemm l-ebda raguni l ghala din il-Qorti ghandha tvarja il-piena inflitta.

Ghaldaqstant din il-Qorti qeda tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn l-ewwel Qorti ma sabitx lill-appellant hati tat-tieni u tat-tielet akkuza u illiberatu minnhom, qed tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn sabitu hati ta' l-ewwel tar-raba' u tal-hames akkuza.

Il-Qorti qeda ukoll tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn ordnat l-effetti tad-digriet tal-helisen mill-arrest moghti nhar il-5 ta' Frar, 2019 u ordnat il-konfiska tas-somma ta' €8,000 moghtija bhala garanzija mill-helsien mill-arrest kif ukoll fejn kkundannat lil Mario Farrugia ghal sena u sitt xhur prigunerija

(Ft) Consuelo Scerri Herrera
Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja
Deputat Registratur